**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 68/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jeannie Debono**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Jeannie Debono**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 20183(M), u *Omissis* akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta ta' 21:10hrs xi mkien mhux magħruf ġewwa l-Fgura:

1. volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn €23.29 iżda inqas minn €250 għad-dannu ta' Brendon Pace;

2. fl-istess data, ħin u lok volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Brendon Pace skont Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Frar 2021, fejn il-Qorti ddikjarat lil *Omissis* mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u lliberatu minn kull piena u imputazzjoni u, wara li rat Artikoli 325(1)(ċ) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Debono ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħha u *ai termini* ta' Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberata bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-imputata Debono tħallas lil Brendon Pace is-somma ta' mija u għaxar Euro (€110).

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fit-8 ta' Marzu 2021 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza Il-Pulizija vs. Jeannie Debono u Alan Grech, biss fejn tikkonċerna lilha, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-18 ta' Frar 2021, u tilliberaha minn kull imputazzjoni u ħtija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti ġiet appellata biss minn Jeannie Debono. L-imputat l-ieħor kien meħlus minn kull ħtija u piena.

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti eżaminat mill-ġdid il-provi li hemm fil-proċess minn fejn jirriżulta s-segwenti:

- Fl-affidavit ta' **WPS 41 E. Cassar** (*a fol.* 2 *et seq.*) jingħad li Brendon Pace kien qal li hekk kif fetaħ il-bieba tal-vettura biex joħroġ minnha, l-appellanti (li kienet tinsab ġo vettura oħra) waddbet ħadida għal fuq il-vettura tiegħu, bil-konsegwenza li l-vettura ġarrbet għafsa u grif fuq in-naħa ta' wara tan-naħa tax-xufier.

- Id-deskrizzjoni tal-ħsara hawn fuq imsemmija taqbel mar-ritratt mmarkat bħala Dok. "BP 2" (*a fol.* 27) li ġie ppreżentat minn Brendon Pace.

- **Brendon Pace** (*a fol.* 18 *et seq.*) iddeskriva l-akkadut hekk: *"Malli kont ħiereġ eżatt nara l-vann ġej irrankat għal fuqi, smajt ħoss mal-vann tiegħi. Kienet ħadida, kien pajp tondi garatuli min-naħa tagħha"* (*a fol.* 19). Aktar qabel xehed li l-mara ċioè l-appellanti kienet ħarġet u bdiet tgħajjru u toffendih. Fuq mistoqsija tal-Ewwel Qorti jekk rax lill-appellanti twaddab il-ħadida, wieġeb li l-ħadida kienet ġiet min-naħa tat-tieqa tagħha u mid-direzzjoni fejn kienet hi għalkemm ma rahiex twaddabha.

- Meta **Dion Meilak** (*a fol.* 33 *et seq.*) ġie mistoqsi mill-Ewwel Qorti jekk kienx ra min waddab il-ħadida, wieġeb hekk: *"Dik waddbitha. Ma nafx min hi"* (*a fol.* 36) u aktar tard qal: *"Rajt li niżżlet it-tieqa u waddbitha"* (*a fol.* 36).

- **Hanna Zerafa** (*a fol.* 38 *et seq.*) xehdet li Brendon Pace kien sab il-ħadida u qalilha: *""bilfors dawk kellhom u garawli""* (*a fol.* 39). Hi ssuspettat li kienet il-mara ċioè l-appellanti peress li hi kienet fuq in-naħa tal-passiġġier.

- L-imputat **Alan Grech** (*a fol.* 42 *et seq.*) qal li hu kellu l-għodda iżda ma ra lil ħadd juża xi ħadida. Jgħid li x'ħin fetaħ il-bieba waqa' xi ħadid. Għad-domanda: *"Allura għalfejn ftaħt il-bieba tal-passiġġier?"* (*a fol.* 52), wieġeb: *"Le mhux jiena ftaħtha tal-passiġġier. L-għodda waqgħet għax niżlet it-tfajla biex inkellmuhom"* (*a fol.* 52).

- L-appellanti **Jeannie Debono** (*a fol.* 57 *et seq.*) xehdet hekk: *"Jiena, jiena, jiena x'ħin waqafna staqsejtu "għaliex għamiltilna hekk? Kemm inti kiesaħ?""* (*a fol.* 59) u tgħid li ħadet in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Fil-<u>kontro-eżami</u> tikkonferma li kienet irrabjata u tkompli tgħid hekk: *"Mhux qed ngħidlek irrabjata imma li ħa nasal noqtol jew kif qalu huma ta' nwaddab il-*

> *ħadida. Jien l-ħadida minn fejn tridni nġibha?"* (*a fol.* 62). Aktar tard tikkonferma li kien hemm ħadid u tgħid: *"Imma ħadid tax-xogħol mhux ħadid kif qegħdin tgħidu intom biex tintuża biex nagħti lill-persuna"* (*a fol.* 63). Tgħid li kien hemm il-ħadid u l-għodda.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti taqsam l-aggravji tagħha fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni.

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi akkwiżiti f'dak li jirrigwarda l-imsemmija imputazzjoni u ċioè dik tal-ħsara volontarja. Tisħaq li kemm hi u l-imputat l-ieħor Grech innegaw li kienu waddbu xi ħadida għalkemm huma kkonċedew li fil-vettura kien hemm xi ħadid in konnessjoni max-xogħol. Tgħid li Brendon Pace ma kienx ċar dwar it-twaddiba u waqt li Dion Meilak qal li kienu garawlhom xi ħaġa, Hanna Zerafa qalet li semgħet xi ħaġa taħbat mal-vann u kien hemm il-ħadida mal-art u ssuspettat li kienet l-appellanti għax kienet fuq in-naħa tal-passiġġier. Tisħaq li l-istima dwar il-ħsara ma ġietx maħlufa u spjegata minn min idderiġiha u li l-Ewwel Qorti ma ndikatx taħt liema provediment tal-liġi mponiet il-ħlas ta' din il-ħsara.

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sommarju ta' dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li sar aktar 'il fuq f'din is-sentenza, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad u li jirriżulta fl-atti proċesswali l-Qorti tikkonferma mingħajr tlaqlieq ta' xejn li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li kien hemm il-ħadid fil-vettura li fiha kien hemm l-appellanti u li l-appellanti waddbet ħadida. Il-fatt li l-appellanti ċaħdet li waddbet xi ħadida ma jxejjinx dak li ntqal mix-xhieda l-oħra tal-Prosekuzzjoni.

Illi l-Qorti tikkonvinċi ruħha minn dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti meta tikkunsidra li ħadid hu ħaġa tqila u kieku l-ħadida waqgħet waħidha kienet tintrembel mal-art u mhux tolqot fejn laqtet il-vettura li ġarrbet il-ħsara. Il-Qorti tistaqsi: jekk il-

ħadid "waqa", dan kif ħabat proprju ma fejn huwa ndikat fir-ritratt?!

Illi l-Qorti hija konvinta li kienet l-appellanti li tefgħet il-ħadida u li għamlet il-ħsara għaliex il-verżjoni tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni hija aktar verosimili miċ-ċaħdiet magħmula kemm minn Alan Grech kif ukoll mill-istess appellanti Debono.

Illi dwar l-istima tal-ħsara, Brendon Pace ppreżentata stima (Dok. "BP 3" – *a fol.* 26) li fiha jidhru mniżżla: *"repair dent"* u *"paint of pillar"*. Il-figura hija ta' mija u għaxar Euro (€110). Din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddibuta li din hija veritjiera ġialadarba kien ippreżentat ritratt tal-ħsara li jaqbel mad-dettalji li jidhru fl-istima.

Illi dwar l-aħħar aggravju relatat mal-ewwel (1) imputazzjoni, ċioè li l-Ewwel Qorti ma ndikatx taħt liema provediment tal-liġi kienet qed tordna l-ħlas ta' mija u għaxar Euro (€110), din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, l-aggravji dwar l-ewwel (1) imputazzjoni qed ikunu miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar l-aggravju rigward it-<u>tieni imputazzjoni</u> l-appellanti ssostni li din qatt ma kellha tirriżulta għax ma kien hemm ebda tip ta' allarm jew biża' fil-pubbliku u jekk l-imputat l-ieħor kien illiberat minn din l-imputazzjoni, allura hi ma setgħetx tinstab ħatja tagħha.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-3 ta' April 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Pace** (Numru 241/2002) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi umbagħad ma hemmx għalfejn ikun hemm l-għajjat u l-ġlied flimkien biex tissussisti l-kontravvenzjoni kontemplata fl-ewwel imputazzjoni u koperta bl-Artikolu

338(dd) tal-Kap. 9 indikat fil-komparixxi u ċitat fis-sentenza appellata. Di fatti dan is-subinċiz (dd) jiddisponi li:-

"Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min:-

(dd) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku."

Minn dan jidher ċar li l-kliem tal-liġi jrid ikopri kull *"disturbance to the peace and good order"* sija jekk dan ikun ġej minn għajjat biss kif ukoll minn ġlied jew kolluttazzjoni fiżika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni oħra. Mhux xi rekwiżit tassattiv li dawn iż-żewġ elementi jridu jikkonkorru f'daqqa u jista' jkollok waħda jew l-oħra jew xi manifestazzjoni oħra esterna li twassal għad-disturb tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Għalhekk hija skorretta legalment is-sottomissjoni tal-appellant li tgħid li għax ma jirriżultax l-għajjat u l-ġlied fiżiku flimkien, jonqos xi element kostituttiv ta' din il-kontravvenzjoni."

Illi filwaqt li din il-Qorti tista' tifhem ir-raġuni għala l-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija fl-imputat Grech fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, din il-Qorti żżid tgħid li dan il-fatt waħdu ma jfissirx li l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni in kwistjoni. In fatti din il-Qorti jirriżultalha li l-aġir tal-appellanti dakinhar tal-akkadut jammonta għal disturb tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Għaldaqstant, anke l-aggravju dwar it-tieni imputazzjoni qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Jeannie Debono u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**